MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru 1076/2004

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Jimmy Bonnici, iben Anthony, imwieled Pieta' fil-11 ta' jannar, 1979
U
Brian Farrugia, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-8 ta' ottubru, 1974

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fil-11 ta' awissu, 2004 f'xi 7.15 p.m. mill-fond li għadu taħt kostruzzjoni, numru 21, Triq Villa Caligaris, Żejtun ikkomettew serq ta' għodda (powertools) li l-ammont tagħhom huwa 'il fuq minn Lm100 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' Maria Grima mill-Gżira u Alan Barbara miż-Żejtun liema serq hu aggravat bl-ammont u bil-mezz.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-fond hawn fuq indikat flimkien ma xi fondi oħra kienu taħt kostruzzjoni.

Illi fid-data u fil-ħin hawn fuq indikati Edward Grima Baldacchino mar fil-fond hawn fuq indikat u daħal fih. Hu ħares ‘il fuq u fuq il-bejt u min fejn kien ra żewġ persuni li kellhom xi ħaġa f’idejhom. Dawn telqu l-affarijiet, wieħed minnhom qabeż fuq bejt ieħor, fil-waqt li t-tieni wieħed qabeż għal fuq ħajt. Meta tela’ fuq il-bejt hu sab żewġ xkejjer mimlija għodda, kif ukoll barmil mimli għodda wkoll. Mill-pozizzjoni tiegħu seta’ jara lil wieħed mill-irġiel u għaraf lill-imputat Brian Farrugia. Dan l-imputat kellu t-tpinġija li Edward Grima Baldacchino ddeskriva u hi simili ħafna għat-tpinġija li Farrugia għandu. Inoltre, it-tieni raġel sejjaħlu b’ismu – Brian. Hu għaraf ukoll lill-imputat l-ieħor Jimmy Bonnici bħala l-persuna li qabeż minn fuq il-bejt.

Illi Edward Grima Baldacchino mar ħdejn il-kamra kienu maħzuna l-għodda u sab li l-bieb ta’ din il-kamra kien sgassat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-għodda li nsterqu, u li ġew misjuba minn Edward Grima Baldacchino, huma proprjeta’ ta’ Maria Grima u ta’ Alan Barbara. Il-valur globali tagħhom hu ta’ nqas minn ħames mitt lira maltin (Lm500) iżda iżjed minn mitejn lira maltin (Lm200). Jirrizulta wkoll li Maria Grima sabet nieqsa sitt ‘grinders’ li jiswew mija u għoxrin lira maltin (Lm120).

Illi l-imputati xehdu li huma kienu qed jaħdmu fuq il-bejt ta' garage ftit bogħod minn fejn saret din is-serqa. Huma ċaħdu li wettqu din is-serqa u xehdu li ma sgassawx il-kamra u ma kienux fuq il-bejt tal-fond hawn fuq indikat.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti l-versjoni prospettata mill-imputati mhiex waħda kredibbli u ma tistax titwemmen.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 264, 267, 278(1)(2) u 330(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannahom għal piena ta' sena priġunerija, kull wieħed minnhom. Rat
l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk
l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallas is-somma ta' sittin lira maltin (Lm60) danni, kull wieħed minnhom, lil Maria Grima fi żmien tletin ġurnata mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------